



Brussell, 14 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12850/23

LIMITE

SCHENGEN 44
COMIX 401
SCH-EVAL 190
ENV 971

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10689/23 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3; 12544/23 + ADD 1	
Suġġett:	Talba tal-Asociația pentru Energie Curată și Combaterea Schimbărilor Climatice ("ACUE") għal rieżami intern skont it-Titolu IV tar-Regolament ta' Aarhus - Abbozz ta' tweġiba għat-talba ta' rieżami intern skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus tal-eżitu tal-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tat-8 u d-9 ta' Diċembru u b'mod partikolari l-allegat nuqqas ta' adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness l-abbozz ta' tweġiba għat-talba msemmija hawn fuq.

It-tweġiba tal-Kunsill għat-talba għal rieżami intern skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus tal-eżitu tal-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tat-8 u d-9 ta' Diċembru u b'mod partikolari l-allegat nuqqas ta' adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija

Din it-tweġiba tistabbilixxi d-deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward tat-talba ppreżentata minn Asociația pentru Energie Curată și Combaterea Schimbărilor Climatice (minn hawn 'il quddiem "AECCSC") irrappreżentata mid-ditta ta' avukati ċivili STOICA & Asociații, tas-17 ta' Mejju 2023 għal *'rieżami intern tad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa tal-Kunsill ĠAI tat-8 u d-9 ta' Diċembru 2022 biex ma jiġix adottat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija'* (it-"Talba").

Din tispjega għaliex, wara kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-argumenti tiegħek, il-Kunsill iqis li t-talba tiegħek għal rieżami hija inammissibbli. Din it-tweġiba ser tindirizza biss il-kwistjoni ta' inammissibbiltà, maqsuma fi tliet partijiet.

1. Kuntest

Il-kundizzjonijiet għall-parteciċipazzjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-acquis ta' Schengen jinsabu fl-Artikolu 4 tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija tal-2005¹ (l-"Att tal-Adeżjoni").

¹ Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203-275).

L-Artikolu 4(1) tal-Att tal-Adeżjoni jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen kif integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea permezz tal-Protokoll anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (il-"Protokoll ta' Schengen"), u l-atti li jibnu fuqu jew li b'xi mod ieħor huma relatati miegħu, elenkati fl-Anness II, kif ukoll kull att ieħor bħal dan li jista' jiġi adottat qabel id-data tal-adeżjoni, għandhom jorbtu u jkunu applikabbli fil-Bulgarija u r-Rumanija mid-data tal-adeżjoni.

L-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005 tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen mhux imsemmija fl-Artikolu 4(1) ta' dak l-Att għandhom japplikaw biss f'kull wieħed minn dawk l-Istati skont deċiżjoni tal-Kunsill għal dan l-għan, wara verifika f'konformità mal-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli, li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-acquis ta' Schengen ikkonċernati jkunu ġew issodisfati f'dawk l-Istati Membri.

L-Artikolu 4(2) jispeċifika li l-Kunsill għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, waqt li jaġixxi bl-unanimità tal-membri tiegħu li jirrappreżentaw il-Gvernijiet tal-Istati Membri li fir-rigward tagħhom id-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu diġà ddaħħlu fis-seħħ u tar-rappreżentant tal-Gvern tal-Istat Membru li fir-rigward tiegħu dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiddaħħlu fis-seħħ.

It-tali deċiżjoni ser tippermetti t-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni mal-Bulgarija u r-Rumanija u l-lista tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fadal skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005 li huma marbuta b'mod inseparabbli mat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni li għandhom isiru applikabbli għall-Bulgarija u r-Rumanija bejniethom u fir-relazzjonijiet tagħhom mal-Istati Membri li japplikaw l-acquis kollu ta' Schengen kif ukoll l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzeri.

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-2005 tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu, ġie eżaminat l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen fil-Bulgarija u r-Rumanija ("l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill") u tressaq għall-vot fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tat-8 u d-9 ta' Diċembru 2022. L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ma rċevix l-appoġġ unanimu meħtieġ mill-Att tal-Adeżjoni fil-Kunsill. Għalhekk, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ma setax jiġi adottat mill-Kunsill.

In-negojzati dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen għall-Bulgarija u r-Rumanija qed jiġu segwiti fil-Kunsill sabiex tinkiseb l-unanimità meħtieġa mill-Att tal-Adeżżjoni għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen fil-Bulgarija u r-Rumanija.

2. L-eżami tat-talba

Fl-applikazzjoni tagħha ppreżentata fis-17 ta' Mejju 2023, l-AECCSC talbet lill-*'Kunsill biex jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu meħuda fil-laqgħa tal-konfigurazzjoni tal-ĠAI fit-8-9 ta' Diċembru 2022 bil-ħsieb li jiżgura l-konformità tagħha mal-liġi ambjentali'* (il-paragrafu 86 tat-Talba), abbażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali² (ir-"Regolament ta' Aarhus").

Fid-dawl ta' dan li ġej, il-Kunsill iqis li t-talba hija inammissibbli f'diversi aspetti: (i) l-għan tat-talba għal rieżami mill-AECCSC la huwa "att amministrattiv" u lanqas "ommissjoni amministrattiva" skont it-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus; (ii) l-AECCSC ma għamlitx it-talba għal rieżami fit-termini previsti fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus; (iii) l-AECCSC ma tissodisfax il-kriterji biex issir talba għal rieżami intern skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Aarhus.

(i) In-nuqqas ta' adożżjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen għall-Bulgarija u r-Rumanija fil-Kunsill ĠAI tat-8 u d-9 ta' Diċembru 2022 ma jistax jiġi kkwalifikat bħala "att amministrattiv" jew "ommissjoni amministrattiva" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(g) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006

² [EUR-Lex - 32006R1367 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\).](https://eur-lex.europa.eu/lexuri/ui.do?uri=CELEX:32006R1367:MT)

a. *In-nuqqas ta' adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ma jistax jiġi kkwalifikat bħala "att amministrattiv" skont it-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus*

Skont l-Artikolu 2(1)(g) tar-Regolament (KE) 1367/2006, *"att amministrattiv" tfisser kull att mhux leġiżlattiv li jiġi adottat minn istituzzjoni jew korp tal-Unjoni, li jkollu effetti legali u esterni u li jkun fih dispożizzjonijiet li jistgħu jiksru l-liġijiet ambjentali skont it-tifsira tal-punt (f) tal-Artikolu 2(1)".*

Fit-Talba, inti tirreferi għad-deċiżjoni tal-'Kunsill li ma jiġix adottat l-abbozz ta' deċiżjoni' (il-paragrafu 20, enfasi miżjuda) u għad-'deċiżjoni tal-Kunsill li jirrifjuta l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni permezz ta' vot' (il-paragrafu 24 - enfasi miżjuda).

F'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE, l-interpretazzjoni dwar il-kunċett ta' "att amministrattiv" skont ir-Regolament ta' Aarhus trid issir fid-dawl tad-definizzjoni ta' att soġġett għal rieżami ġudizzjarju għall-fini tal-Artikolu 263 TFUE.³

Il-Kunsill ma jikkontestax il-valutazzjoni tiegħek li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen fil-Bulgarija u r-Rumanija mhijiex att leġiżlattiv.

Il-Kunsill iqis li l-vot li huwa eżerċita f'konformità mar-regola ta' votazzjoni stabbilita fl-Att tal-Adeżjoni huwa l-mezz legali li jwassal għall-adozzjoni jew le tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. Madankollu, fid-dawl tad-definizzjoni mogħtija mir-Regolament (KE) Nru 1367/2006, il-Kunsill iqis li l-fatt li ma setax jilħaq l-unanimità meħtieġa mill-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni sabiex jadotta d-Deċiżjoni mhuwiex "att amministrattiv" skont it-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus.

³ Il-kawża T-9/19, *ClientEarth, vs il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI)*, EU:T:2021:42, ikkonfermata mill-Kawżi Magħquda C-212/21 P u C-223/21 P, *BEI vs ClientEarth*, EU:C:2023:546.

Barra minn hekk, il-kunċett ta' "effetti legali u esterni" ta' att amministrattiv jenħtieġ li jiġi interpretat ukoll fid-dawl tal-kunċett ta' att li jista' jiġi rieżaminat skont l-Artikolu 263 TFUE. Dan ifisser li dan il-kunċett jenħtieġ jiġi interpretat skont il-kunċett ta' atti intiżi li jipproduċu effetti legali fil-konfront ta' terzi, imsemmi fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li jeskludi, bħala prinċipju, l-atti li jipproduċu effetti biss fl-isfera interna tal-istituzzjoni, korp, organu jew aġenzija tal-UE li adottawhom, mingħajr ma joħlqu drittijiet jew obbligi fil-konfront ta' terzi.

Barra minn hekk, il-Kunsill jgħbed l-attenzjoni li huwa ma ddeliberax dwar proposta biex 'jirrifjuta' l-abbozz ta' Deċiżjoni u lanqas ma adotta Deċiżjoni biex 'jirrifjuta' l-adozzjoni; in-nuqqas ta' adozzjoni huwa biss ir-riżultat tan-nuqqas ta' unanimità fi ħdan il-Kunsill. It-tali *'deċiżjoni li tiġi rrifjutata l-adozzjoni'* (il-paragrafu 24 tat-Talba) ma teżistix u l-Kunsill qatt ma ħa pożizzjoni dwar il-kwistjoni.

In-nuqqas ta' adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill inkwistjoni kien riżultat tal-fatt li ma ntlaħqitx l-unanimità meħtieġa għal tali adozzjoni matul il-vot li ttieħed fil-Kunsill fit-8 u fid-9 ta' Diċembru 2022. In-nuqqas ta' kisba tal-unanimità meħtieġa jindika biss li ma ġiet adottata l-ebda deċiżjoni.

Wara dak il-vot, il-Kunsill ma ħa l-ebda miżura jew deċiżjoni li tista' tkun soġġetta għal kontestazzjoni skont l-Artikolu 263 TFUE, u, għalhekk, rieżaminata skont ir-Regolament ta' Aarhus.

Bl-istess mod, id-dikjarazzjoni jew l-ispejgazzjoni tal-vot mogħtija mill-Kunsill li l-vot ma wassalx għall-unanimità meħtieġa għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni **ma jistgħux jitqiesu bħala att li jista' jiġi kkontestat jew rieżaminat skont it-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus, peress li huwa biss rekord tal-espressjoni u tar-riżultat tal-voti tal-membri tal-Kunsill.**

Il-vot tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tat-8 u d-9 ta' Diċembru 2022 **ma kkonkludix il-proċess li jwassal għall-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen għall-Bulgarija u r-Rumanija**, u jista' jerġa' jitressaq quddiem il-Kunsill għal vot. In-negozjati dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen għall-Bulgarija u r-Rumanija qed ikomplu fil-Kunsill sabiex tinstab l-unanimità meħtieġa għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen f'dawn iż-żewġ Stati Membri.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill isostni li t-Talba hija inammissibbli minħabba li la n-nuqqas ta' adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u lanqas id-dikjarazzjoni maħruġa mis-SĠK li tirreġistra n-nuqqas ta' unanimità bħala riżultat tal-vot ma jikkwalifikaw bħala "att amministrattiv" skont it-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus.

b. *In-nuqqas ta' adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ma jistax jiġi kkwalifikat bħala "ommissjoni amministrattiva" skont it-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus*

Skont l-Artikolu 2(1)(g) tar-Regolament (KE) 1367/2006, "ommissjoni amministrattiva" tfisser *"kull nuqqas min-naħa ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni li tadotta att mhux leġiżlattiv li jkollu effetti legali u esterni, fejn tali nuqqas jista' jikser il-liġijiet ambjentali skont it-tifsira tal-punt (f) tal-Artikolu 2(1)".*

L-ewwel nett, il-Kunsill jissottolinja li ma hemm l-ebda dispożizzjoni fl-Att tal-Adeżjoni li tiddefinixxi skadenza għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen fil-Bulgarija u r-Rumanija.

Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2011⁴ - li ġew approvati mill-Kunsill f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni, il-Kunsill ikkonkluda li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-acquis ta' Schengen kienu ġew issodisfati mill-Bulgarija u r-Rumanija. Madankollu, skont l-Artikolu 4(2) imsemmi hawn fuq, dan kellu jittqies biss bħala pass proviżorju tal-proċedura li twassal għall-implimentazzjoni sħiħa, li jeħtieġ li tiġi kkonfermata minn att legalment vinkolanti adottat b'unanimità.

It-tieni, il-Kunsill jinnota li filwaqt li għandu jqiegħed kwalunkwe proposta riferita lil l-aġenda għal-laqgħat tiegħu f'konformità mar-Regoli ta' proċedura tiegħu, it-tali inklużjoni bl-ebda mod ma tobbliga lill-Kunsill jadotta dik il-proposta. Huwa dritt sovrani tal-Membri tal-Kunsill li jesprimu l-pożizzjoni f'isem l-Istat Membru rispettiv tagħhom permezz tal-votazzjoni dwar abbozz ta' atti legali li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill.

Għalhekk, il-Kunsill iqis li t-Talba hija inammissibbli minħabba li n-nuqqas ta' adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ma jikkostitwixxi "ommissjoni amministrattiva" skont it-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus.

⁴ Ara ST 9167/4/11 għall-Bulgarija u ST 9166/4/11 għar-Rumanija.

- c. ***Fi kwalunkwe każ, il-Kunsill jargumenta li n-nuqqas ta' adożżjoni tad-Deċiżjoni bl-ebda mod ma jikser il-liġi ambjentali skont it-tifsira fil-punt (f) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Aarhus.***

L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Aarhus jistabbilixxi l-għan tiegħu fil-paragrafu 1 tiegħu kif ġej:

*"L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-obbligi li jirriżultaw taħt il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteeipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni Aarhus", billi jiġu stabbiliti regoli sabiex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni għall-istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni, partikolarment billi: (...) (d) jingħata aċċess għall-ġustizzja **fi kwistjonijiet ambjentali** fil-livell tal-Unjoni taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament (enfasi miżjuda).*

F'dan il-kuntest, l-Artikolu 2(1)(f) tar-Regolament ta' Aarhus jagħti definizzjoni ta' "liġi ambjentali" bħala:

"Leġiżlazzjoni tal-Unjoni li, irrISPETTIVAMENT mill-bażi legali tagħha, tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent kif stabbiliti fit-TFUE: il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-użu prudenti u razzjonali ta' riżorsi naturali, u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jiġu trattati problemi ambjentali reġjonali jew dinjija".

Mill-qari flimkien ta' dawk id-dispożizzjonijiet, huwa ċar li l-għan tar-Regolament ta' Aarhus huwa dak li jipprovdi aċċess għall-ġustizzja lill-membri tal-pubbliku biex jirrieżaminaw jekk ċerti atti – jew l-ommissjoni tagħhom – humiex qed jiksru dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni **li għandhom l-għan li jipproteġu l-ambjent.**

Din hija r-raġuni għaliex il-membri tal-pubbliku huma intitolati jressqu talba għal rieżami biss jekk jikkonformaw mal-kriterji tal-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Aarhus.

Kif ser jiġi żviluppat ukoll aktar 'l isfel, id-dritt li ssir talba għal rieżami huwa limitat għal atturi li għandhom interess statutorju li jippreservaw u jipproteġu l-ambjent, bħall-NGOs, jew individwi li huma soġġetti għal ksur tad-drittijiet tagħhom, jew membri tal-pubbliku li jistgħu juru l-eżistenza ta' interess pubbliku fil-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, dment li jikkonformaw mal-livell limitu kwantitattiv stabbilit fil-leġiżlazzjoni, li jiżgura li t-talbiet jitressqu minn kampjun rappreżentattiv suffiċjenti ta' interess pubbliku.

Din il-limitazzjoni tal-ambitu personali tad-dritt li ssir talba għal rieżami hija konsistenti mal-għan tar-Regolament ta' Aarhus biex jiġi żgurat li r-rieżami tal-att jew l-ommissjoni jkun speċifikament limitat għall-qasam ambjentali, fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Aarhus tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus"), li ma tippredix "*actio popularis*".

Fit-talba, l-AECCSC tirreferi fil-paragrafi 39 sa 42 għall-effetti negattivi fuq l-ambjent marbuta mal-applikazzjoni mhux kompluta tal-acquis ta' Schengen għall-Bulgarija u r-Rumanija.

Il-Kunsill iqis li kwalunkwe att tal-Unjoni fi kwalunkwe qasam jista' jkollu impronta ambjentali. Il-Kunsill jemmen li t-tali fehma wiesgħa tal-effetti potenzjali fuq l-ambjent bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kunsill ĠAI tat-8 u d-9 ta' Diċembru 2022 tkun ekwivalenti għall-estrapolazzjoni tal-ittra u l-ispirtu tal-proċedura ta' rieżami intern previsti fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus, jekk kwalunkwe att bħal dan jista' jiġi ppreżentat lilu bl-iskuża li jikser il-liġi ambjentali.

L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tressaq għall-vot jirrigwarda l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen għall-Bulgarija u r-Rumanija skont l-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni u mhuwiex relatat ma' kwalunkwe dispożizzjoni relatata mal-liġi ambjentali skont ir-Regolament ta' Aarhus. Ma hemm l-ebda rabta diretta bejn in-nuqqas ta' implimentazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen għall-Bulgarija u r-Rumanija u l-allegat konsegwenzi fuq l-ambjent.

Għalhekk, il-Kunsill iqis li t-Talba hija inammissibbli minħabba li n-nuqqas ta' adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill mhuwiex responsabbli għall-ksur tal-liġi ambjentali skont it-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus.

(ii) It-talba ma saritx fit-terminu ta' żmien previst fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus

L-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 jipprevedi li: *"Tali talbiet [għal rieżami intern] għandhom isiru bil-miktub u f'limitu ta' żmien li ma jaqbiżx it-tmien ġimgħat wara li jkun ġie adottat, notifikat jew ippubblikat l-att amministrattiv, skont liema jkun l-aktar tard, jew, fil-każ ta' allegazzjoni ta' ommissjoni amministrattiva, tmien ġimgħat wara d-data li fiha kien meħtieġ l-att amministrattiv. It-talba għandha tinkludi r-raġunijiet għar-rieżami"*.

Bħala punt preliminari, il-Kunsill ifakkar li n-nuqqas ta' adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kunsill ĠAI tat-8 u d-9 ta' Diċembru 2022 ma jikkostitwixxi "att amministrattiv" jew "ommissjoni amministrattiva" skont it-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus. Għalhekk, it-Talba hija diġà inammissibbli f'dan ir-rigward. Għall-finijiet ta' kompletezza, il-Kunsill iqis li t-Talba hija inammissibbli wkoll minħabba n-nuqqas ta' rispett tal-iskadenza prevista fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus.

L-ewwel nett, il-Kunsill josserva li l-AECCSC tiddikjara li *'kienet taf id-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jadottax l-abbozz ta' Deċiżjoni fit-22 ta' Marzu 2023'* (il-paragrafu 20 tat-Talba). Fir-realtà, id-data tat-22 ta' Marzu 2023 tikkorrispondi għad-data meta l-Kunsill, wara talba għal aċċess għal dokument ibbażat fuq ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni⁵ – li tikkorrispondi għal proċedura speċifika ħafna kompletament indipendenti minn kwalunkwe effett legali li allegatament jirriżulta min-nuqqas ta' adozzjoni tad-deċiżjoni – ippreżenta lill-AECCSC kopja tal-addendum għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill⁶, bi tweġiba għat-talba tagħha.

L-aċċess għad-dokumenti mitluba, għalhekk, huwa proċedura kompletament separata, li permezz tagħha l-Kunsill ikkonforma mal-obbligu tiegħu skont ir-Regolament 1049/2001. Hija ma għandha l-ebda valur ta' pubblikazzjoni jew notifika skont it-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus.

⁵ [EUR-Lex - 32001R1049 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#), Il-Ġurnal Uffiċjali L 145 , 31/05/2001 P. 0043 – 0048.

⁶ Id-Dokument 15877/1/22/ADD REV 1.

It-tieni, u f'konformità mal-kunsiderazzjoni li saret hawn fuq, il-Kunsill ma kellu l-ebda obbligu li jippubblika jew jinnotifika n-nuqqas ta' adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kunsill ĠAI tat-8 u d-9 ta' Diċembru 2022 bl-istess mod daqslikieku d-Deċiżjoni kienet ġiet adottata. Il-Kunsill jissottolinja li r-riżultati tal-vot kienu pubbliċi fi tmiem il-Kunsill ĠAI tat-8 u d-9 ta' Diċembru 2022. Huwa minn dik id-data li n-nuqqas ta' adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill għandu jitqies bħala li nġieb għall-attenzjoni tal-pubbliku, bil-fehim li r-riżultat tal-vot kien pubblikament disponibbli u trażmess permezz ta' stqarrija għall-istampa, flimkien mal-pubblikazzjoni ta' konferenzi stampa fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill fl-istess jum⁷.

Barra minn hekk, l-interpretazzjoni mressqa mill-AECCSC tmur kontra l-ispirtu tar-Regolament ta' Aarhus, interpretat fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li għandu l-għan li jipprovdi garanziji protettivi effettivi lis-soċjetà ċivili u lill-membri tal-pubbliku fl-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali f'termini definiti.

Bħala konklużjoni, il-Kunsill itenni li l-informazzjoni dwar in-nuqqas ta' adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill inkwistjoni kienet fid-dominju pubbliku sa mid-9 ta' Diċembru 2022. Għalhekk, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li, jekk att kien ġie adottat f'dik id-data - quod non -, it-terminu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 10 beda jiddekorri minn dik id-data. Konsegwentement, it-terminu ta' żmien għat-talba għar-rieżami skada fit-3 ta' Frar 2023. Bl-introduzzjoni tat-talba fis-17 ta' Mejju 2023, it-terminu ta' żmien meħtieġ skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus skada.

Għalhekk, it-Talba trid tiġi ddikjarata inammissibbli wkoll għal din ir-raġuni.

⁷ [Konferenza stampa \(Affarijiet Interni\) - Parti 2 \(europa.eu\)](#): Konferenza stampa minn Vít RAKUŠAN, l-Ewwel Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Intern tar-Repubblika Ċeka, matul il-konferenza stampa wara l-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni (Affarijiet Interni) fit-8 ta' Diċembru 2022 fi Brussell.

[Konferenza stampa \(Affarijiet Interni\) - Parti 3 \(europa.eu\)](#): Konferenza stampa minn Ylva JOHANSSON Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Interni, matul il-konferenza stampa wara l-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni (Affarijiet Interni) fit-8 ta' Diċembru 2022 fi Brussell.

[Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni - Consilium \(europa.eu\)](#): publikazzjoni fuq is-sit web tal-Kunsill wara l-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni (Affarijiet Interni) fit-8 ta' Diċembru 2022 fi Brussell.

(iii) L-AECCSC ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(1)(b), (c) u (d) tar-Regolament ta' Aarhus

L-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Aarhus jipprevedi li:

"Organizzazzjoni mhux governattiva għandha d-dritt li tagħmel talba għal reviżjoni interna skont l-Artikolu 10, kemm-il darba:

- (a) tkun persuna ġuridika, indipendenti u mingħajr fini ta' profitt skont il-liġi nazzjonali jew il-prassi ta' Stat Membru;*
- (b) ikollha l-għan primarju dikjarat li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent fil-kuntest tal-liġi ambjentali;*
- (c) tkun ilha teżisti għal aktar minn sentejn u tkun qiegħda ssegwi b'mod attiv l-għan imsemmi fil-punt (b);*
- (d) is-suġġett li dwaru ssir it-talba għal reviżjoni interna jinsab fl-ambitu tal-għan u tal-attivitajiet tagħha. [...]"*

Il-Kunsill ma jikkontestax il-fatt li l-AECCSC hija persuna ġuridika indipendenti mingħajr fini ta' profitt skont il-liġi nazzjonali jew il-prassi ta' Stat Membru. Madankollu, il-Kunsill iqis li l-AECCSC ma tissodisfax il-kriterji mniżżlin fil-punti b), c) u d) tal-Artikolu 11 għar-raġunijiet imniżżlin fil-punti li ġejjin.

L-ewwel nett, l-AECCSC ma tissodisfax ir-rekwiżit fl-Artikolu 11(1) b) li jirrikjedi li l-organizzazzjoni mhux governattiva għandu *"ikollha l-għan primarju dikjarat li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent fil-kuntest tal-liġi ambjentali"*.

L-Artikolu 4 tal-Istatut tal-Assoċjazzjoni għall-Enerġija Nadifa u t-Tibdil fil-Klima⁸, il-Kapitolu II, intitolat *l-għan u l-oġettivi tal-assoċjazzjoni*, jenfasizza li l-*assoċjazzjoni għandha l-għan li tappoġġa, tiżviluppa soluzzjonijiet u attivitajiet teknoloġiċi innovattivi fil-qasam tal-ambjent, l-enerġija u l-infrastruttura fir-Rumanija/fl-Ewropa, tippromwovi l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni, u ttipprovdi għarfien espert fil-qasam tal-enerġija nadifa, l-ambjent u t-tibdil fil-klima. Tappoġġa u tippromwovi wkoll kwalunkwe investiment rilevanti fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali f'konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali, jelabora studji u rapporti rilevanti*'.

⁸ Id-dokument 10689/23, l-Anness 2 tat-Talba.

Skont l-Artikolu 5 tal-Istatut tal-Assoċjazzjoni għall-Enerġija Nadifa u t-Tibdil fil-Klima:

'L-għanijiet tal-Assoċjazzjoni u l-modi ewlenin biex jinkisbu huma dawn li ġejjin:

- a. Il-promozzjoni ta' **soluzzjonijiet innovattivi u teknoloġiji nodfa fl-oqsma ekonomiċi kollha** fir-Rumanija u fl-Unjoni Ewropea;*
 - b. Iż-żieda **tal-kompetittività u l-iżvilupp ekonomiku** bbażati fuq ir-riċerka, l-għarfien u l-innovazzjoni;*
 - c. Il-promozzjoni tal-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi;*
 - d. Il-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli billi jimxu b'mod deċiżiv lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u industrija kompetittiva;*
 - e. It-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-isfruttar tar-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli u mhux konvenzjonali;*
- [...]' (enfasi miżjuda).

Il-Kunsill josserva li l-għan primarju tal-assoċjazzjoni huwa biss ekonomiku u kummerċjali, intiż biex jappoġġa inizjattivi li jippromwovu sorsi ġodda ta' enerġija li jirrispettaw iktar il-liġi ambjentali. Kif spjegat b'mod ċar fl-Istatuti ta' assoċjazzjoni, l-għanijiet tal-assoċjazzjoni huma bbażati fuq it-tkabbir, il-kompetittività u l-interessi kummerċjali f'settur li qed jikber. Għalkemm l-artikoli tal-Istatuti tal-assoċjazzjoni għandhom il-mertu li jsemmu għanijiet ambjentali, dawn huma biss inċidentali u sekondarji. Konsegwentement, ma jistax jiġi sostnut li *'l-assoċjazzjoni għandha l-għan primarju dikjarat li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent fil-kuntest tal-liġi ambjentali'*. Id-dokumenti u l-annessi kollha pprovduti mill-AECCSC juru biss l-għan tal-'promozzjoni ta' sorsi ġodda ta' enerġija' aktar milli inizjattivi u attivitajiet ġenwini mmirati lejn il-protezzjoni tal-ambjent.

Barra minn hekk, is-sħubijiet żviluppanti mill-AECCSC jidhru li jikkorroboraw il-fehma tal-Kunsill li l-assoċjazzjoni tfitteż prinċipalment għanijiet b'dimensjoni ekonomika u kummerċjali. Tabilħaqq, l-assoċjazzjoni turi b'mod ċar il-prossimità tagħha ma' organizzazzjoni li tista' tiġi deskritta bħala 'lobby' - *Federația Asociațiilor Companiilor de Utilități din Energie* (il-'Federazzjoni tal-assoċjazzjonijiet tal-kumpaniji tal-utilitajiet tal-enerġija') ('ACUE'), li tiddeskrivi lilha nnifisha bħala *'sieħeb attiv fid-djalogu għall-awtoritajiet u l-ambjent tan-negozju, li tikkontribwixxi bi proposti u soluzzjonijiet għat-titjib tal-leġiżlazzjoni u għall-iżvilupp tal-aħjar qafas għall-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija, inkluż ir-relazzjonijiet tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-membri tal-ACUE jirrappreżentaw aktar minn 22,500 speċjalista tal-enerġija, impjegati li l-attività tagħhom tissarraff fil-kumdità ta' kull dar u kumpanija fir-Rumanija'*.⁹

Fil-31 ta' Mejju 2023, il-paġna Facebook tal-AECCSC tirreferi għall-artiklu ppubblikat mill-ACUE, flimkien mal-pubblikazzjoni li ġejja: *'L-AECCSC u l-ACUE qed jimplimentaw, fi sħubija, proġett li għandu l-għan li jeduka udjenza wiesgħa biex tadotta l-aħjar soluzzjonijiet li jiżguraw il-kumdità enerġetika iżda b'inqas konsum ta' riżorsi'*¹⁰.

Il-pjan li qed jiġi implimentat b'mod konġunt miż-żewġ organizzazzjonijiet huwa deskritt kif ġej: *'il-pjan tal-proġett jinkludi 10 avvenimenti ddedikati għall-konsumaturi domestiċi, l-istituzzjonijiet pubbliċi u dawk interessati fil-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, li jistgħu jiġu integrati b'mod effiċjenti fin-networks ta' distribuzzjoni, appoġġati minn kampanji ta' informazzjoni ffukati fuq is-sensibilizzazzjoni dwar l-iskart tal-enerġija, fuq soluzzjonijiet prattiċi biex jitnaqqas il-konsum mingħajr ma titnaqqas il-kumdità enerġetika'*.¹¹

⁹ [Informazzjoni dwarna - Acue.](#)

¹⁰ Ara <https://www.facebook.com/AECCSC/> u https://www.acue.ro/acue-lanseaza-proiectul-eficienta-energetica-pentru-case-cladiri-si-retele-inteligente-cu-finantare-de-la-innovation-norway/?fbclid=IwAR1KmpJfgm0zMysz5iMGnQk9gnL_HPiR8JZGFtin8Sq80bcut-yl49TOdDg_aem_AfaF12r0XNpTpCzp47PPfqXDQdGyDZaf3d47DVFg6JPmNwmQDUpGnd3Hyg97VqS_V1M kif ukoll l-Anness B.1.

¹¹ [ACUE lansează proiectul Eficiență energetică pentru case, clădiri și rețele inteligente, cu finanțare de la Innovation Norway - Acue.](#)

L-Artikolu jiddikjara wkoll li l-ACUE hija *federazzjoni rappreżentattiva tal-impjegaturi fis-settur tal-elettriku, taż-żejt, tal-gass u tal-estrazzjoni tal-enerġija*, li tirrappreżenta l-interessi ta' kumpaniji importanti fil-qasam tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista tal-elettriku u tal-gass naturali u s-servizzi relatati ma' dawn l-attivitàjiet. L-ACUE tirrappreżenta 23 kumpanija fis-settur tal-enerġija, li għandhom total ta' 22,500 impjegat u fatturat annwali ta' aktar minn EUR 5.5 biljun. Il-valur totali tal-investimenti li saru mill-membri tal-ACUE matul l-2018 u l-2022 ammonta għal aktar minn 13.5 biljun lei'.

Fir-rigward tal-AECCSC, l-artikolu jsemmiha f'dawn it-termini: *'l-assoċjazzjoni għall-Enerġija Nadifa u t-Tibdil fil-Klima hija organizzazzjoni li għandha l-għan li tgħin tranżizzjoni reġjonali intelliġenti lejn ekonomija sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent. Is-sħubija ser tgħin fil-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u soluzzjonijiet innovattivi li jiżguraw tranżizzjoni sostenibbli lejn ekonomija newtrali għall-klima u żżid l-għarfien pubbliku'*.

Il-maġġoranza tal-membri tal-ACUE, kif elenkati fuq is-sit elettroniku tagħha¹², huma kumpaniji Rumeni li jispeċjalizzaw fl-industrija tal-enerġija, li jispeċjalizzaw b'mod esklużiv fil-gass u l-elettriku (b'mod sħiħ: E.ON ENERGIE ROMÂNIA SA, ENEL ENERGIE MUNTENIA SA, CEZ ROMANIA SA, E.ON ROUMANIE SRL, CEZ VANZARE SA, ENGIE ROMANIA SA, ENEL ROUMANIE SRL, GAZ EST SA VASLUI, ENEL ENERGIE SA, ELECTRICA FURNIZARE SA).

It-tieni, l-AECCSC ma tissodisfax il-kriterju fl-Artikolu 11(1)(c) li l-organizzazzjoni ilha teżisti aktar minn sentejn u qed issegwi b'mod attiv l-għan imsemmi taħt (b). Abbażi tat-Talba u l-annessi tagħha, l-AECCSC tenfasizza li ngħatat personalità ġuridika u ġiet irreġistrata fis-26 ta' Frar 2021 (il-paragrafu 14 tat-Talba). Il-Kunsill diġà spjega li l-iskadenza biex tintalab ir-reviżjoni interna kienet it-3 ta' Frar 2023. Li kieku l-AECCSC aġixxiet fit-terminu ta' żmien stabbilit, l-AECCSC ma kinitx tkun f'pożizzjoni li turi li hija kienet tissodisfa l-kriterju tal-Artikolu 11(1)(c) tar-Regolament ta' Aarhus, peress li l-organizzazzjoni ma kinitx ilha teżisti għal iktar minn sentejn f'dik id-data.

¹² [ACUE FSC - Acue.](#)

Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota li, abbażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-AECCSC, mhuwiex possibbli li jiġi vvalutat meta eżattament bdiet topera l-organizzazzjoni.

It-tielet, l-AECCSC ma tissodisfax ir-rekwiżit fl-Artikolu 11(1)(d) li "*is-suġġett li dwaru ssir it-talba għal reviżjoni interna jinsab fl-ambitu tal-għan u tal-attivitajiet tagħha*". Kif indikat hawn fuq, l-għan u l-attivitajiet tal-AECCSC huma relatati mal-promozzjoni ta' soluzzjonijiet tal-enerġija innovattivi, li jiżvelaw natura ekonomika u kummerċjali. Konsegwentement, huwa ċar li l-għanijiet u l-attivitajiet tagħha ma jkoprox is-suġġett tal-applikazzjoni.

Għalhekk, abbażi tad-dokumenti pprovduti mill-AECCSC u f'konformità mar-Regolament ta' Aarhus, il-Kunsill jikkonkludi li l-AECCSC ma wrietx li għandha l-għan primarju ddikjarat li tippromwovi l-protezzjoni ambjentali fil-kuntest tal-liġi ambjentali, li ilha teżisti għal aktar minn sentejn u qed issegwi b'mod attiv dan l-għan, u li s-suġġett li fir-rigward tiegħu qed issir it-talba għal rieżami intern huwa kopert mill-għanijiet u l-attivitajiet tal-organizzazzjoni.

3. Konklużjoni

Fid-dawl ta' dan ta' fuq, il-Kunsill jikkonkludi li:

- (i) in-nuqqas ta' adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill mhijiex "att amministrattiv" jew "ommissjoni amministrattiva" skont it-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus;
- (ii) it-talba ġiet ippreżentata wara l-iskadenza prevista fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus;
- (iii) l-AECCSC ma tikkonformax mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 11(1)(b), (c) u (d) tar-Regolament ta' Aarhus.

Il-Kunsill iqis li t-Talba hija inammissibbli.

LISTA TA' ANNESSI

ANNESS	DESKRIZZJONI	DIKJARAZZJONI TA' REFERENZA
B.1	Ritratt tal-iskrin tal-paġna Facebook tal-AECCSC li tirreferi għall-artiklu ppubblikat mill-ACUE, flimkien mal-pubblikazzjoni li ġejja: <i>'L-AECCSC u l-ACUE qed jimplimentaw, fi sħubija, proġett li għandu l-għan li jeduka udjenza wiesgħa biex tadotta l-aħjar soluzzjonijiet li jiżguraw il-kumdità enerġetika iżda b'inqas konsum tar-riżorsi'.</i> Asociația pentru Energie Curată și Combaterea Schimbărilor Climatice Facebook https://www.acue.ro/acue-lanseaza-proiectul-eficienta-energetica-pentru-case-cladiri-si-retele-inteligente-cu-finantare-de-la-innovation-norway/?fbclid=IwAR1KmPjfgm0zMysz5iMGnQk9gnL_HPiR8JZGFtin8Sq80bcut-yl49TOdDg_aem_AfaF12r0XNpTpCzp47PPfqXDQdGyDZaf3d47DVFg6JPmNwmQDUUpGnd3Hyg97VqS_V1M	paġna 11, nota 10 ta' qiegħ il-paġna)